



REKLUTAĠĠ

L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-KONTROLL TAS-SAJD - EFCA - HIJA KORP TAL-UNJONI EWROPEA STABILIT FL-2005 BIEK JORGANIZZA L-KOORDINAZZJONI OPERAZZJONALI TAL-KONTROLL TAS-SAJD U L-ATTIVITAJIET TA' SPEZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI U BIEK JASSISTIHOM BIEK JIKKOOPERAW SABIEX JIKKONFORMAW MAR-REGOLI TAL-POLITIKA KOMUNI TAS-SAJD, SABIEX TIĠI ŻGURATA L-APPLIKAZZJONI EFFETTIVA U UNIFORMI TAGĦHA.

L-Aġenzija ssegwi l-politika tal-persunal tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli għall-Istituzzjonijiet u l-Korpi Ewropej. Il-kandidati magħżulin sejr in jiġu offruti kariga fuq il-bażi ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

L-EFCA qiegħda torganizza għażla esterna biek timla kariga waħda jew aktar simili biek tikkostitwixxi lista ta' riserva ta' massimu ta' 8 kandidati għall-pożizzjoni segwenti:

EFCA – TA – AD 9 - 1601 – UFFIĊJAL TAL-KONTABBILTÀ

L-Aġenzija sejra tilqa' applikazzjonijiet minn kandidati motivati ħafna biek jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-EFCA.

Il-kandidati jiġu rreklutati bil-kundizzjoni li jkollhom id-drittijiet sħaħ bħala ċittadini. Il-kandidati jridu jkunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost fuqhom bil-liġi fir-rigward ta' servizz militari u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti.

L-EFCA għandha proċess ta' reklutaġġ indipendenti u separat minn istituzzjonijiet oħrajn tal-UE jew minn aġenziji oħrajn tal-UE.

Fir-reklutaġġ tagħha, l-EFCA tikkunsidra biss applikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' pożizzjonijiet li jkunu ġew irreklamati, jiġifieri, ma jiġux ipproċessati applikazzjonijiet mhux mitluba, bil-għan li jinżamm it-trattament ugwali tal-applikanti. Jekk kandidat jikkunsidra li hu ġie affettwat ħażin minn deċiżjoni partikolari, hu jista' jressaq ilment skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni indirizzati lid-Direttur Eżekuttiv tal-EFCA.

1. Il-kundizzjonijiet tal-impjeg

L-applikanti li jintgħażlu sejr in jinħatru bħala membri ta' Persunal Temporanju tal-EFCA, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(f), Titolu I tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni (CEOS). Għandhom iħarsu l-obbligi tar-Regolamenti tal-Persunal inkluż id-dispożizzjonijiet rigward il-kunflitt ta' interess.

Il-kandidati li jintgħażlu sejr in jiġu rreklutati fil-grad imsemmi fit-titlu tal-pożizzjoni offruta.

Ir-reklutaġġ isegwi r-regoli u l-prattiki tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u l-kandidati li jintgħażlu jiġu offruti kuntratt ta' tliet snin li jista' jiġġedded bħala Aġent Temporanju. Il-post tal-impjeg huwa Vigo, Spanja.

2. Kundizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjonijiet

Il-kandidati jistgħu japplikaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġejjin għall-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom:

A. Kundizzjonijiet

Trid tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Iżlanda jew tan-Norveġja.

Trid tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin.

Trid tkun issodisfajt l-obbligi imposti fuqek bil-liġi dwar is-servizz militari.

Trid tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru li għandhom x'jaqsmu mal-pożizzjoni li tapplika għaliha.

Trid tippreżenta applikazzjoni kompluta għal kull kariga li tapplika għaliha.

Il-kandidati jistgħu japplikaw fi kwalunkwe lingwa uffċjali tal-Unjoni Ewropea, iżda jkun ta' għajnuna jekk japplikaw bl-Ingliż, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-għażla, peress li l-Aġenzija ssegwi Prattika li tuża l-Ingliż bħala l-lingwa ta' ħidma. Madankollu, il-kandidati huma mitluba wkoll li jiddikjaraw il-kwalifiki edukattivi tagħhom u l-pożizzjonijiet li kellhom fil-lingwa tal-orijini.

L-Aġenzija hija impjegatur li joffri opportunitajiet indaqs u taċċetta applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età, razza, twemmin politiku u/jew reliġjuż, sess jew orjentazzjoni sesswali, l-istat ċivili u/jew tal-familja u irrispettivament minn kwalunkwe tip ta' diżabbiltà.

Jekk tiġi mistieden għal intervista, ser tintalab tippreżenta dokumenti ta' sostenn biex tagħti prova tal-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni tiegħek.

B. Il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet

Kull applikazzjoni għandu jkun fiha d-dokumenti li ġejjin:

1. Curriculum vitae ddettaljata fil-format Ewropew (li jista' jinkiseb mill-indirizz li ġej <http://europass.cedefop.europa.eu/mt/home>),
2. Dikjarazzjoni fuq l-unur mimlija u ffirmata kif xieraq,
3. Ittra ta' motivazzjoni ta' massimu 2 paġni li ssemmi b'mod ċar il-kariga li inti qed tapplika għaliha u l-indirizz tiegħek għall-korrispondenza u għall-istedina għal intervista.

Dawn it-tliet dokumenti għandhom jintbagħtu permezz tal-posta elettronika biss lil:

EFCAVACANCIESTA@efca.europa.eu

Jekk jogħġbok fil-linja tas-suġġett semmi kunjomok segwit mir-referenza tal-pożizzjoni:

→ **KUNJOM – EFCA-TA-XXX-XXXX**

Jekk jogħġbok, innota li se jrin jitqiesu biss l-applikazzjonijiet kompluti li jkun fihom id-dokumenti msemmija hawn fuq u l-informazzjoni meħtieġa.

Id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet hija: **9 TA' MEJJU 2016 f'nofsillejl (24:00h)** (Fin ta' Brussell)

3. Proċedura tal-għażla

A. Għażla

Jiġi stabbilit bord tal-għażla għall-proċess tal-għażla Il-prinċipju tal-kunfidenzjalità huwa stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal, li jiddikjara li l-proċeduri tal-bord tal-għażla għandhom ikunu sigrieti. Dan jaħdem f'żewġ modi: l-ewwel, jimponi l-obbligi biex jiġi żgurat trattament ugwali għall-kandidati; u t-tieni, ifittex li jipproteġi lill-bord tal-għażla biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tiegħu jkunu totalment imparzjali.

Il-bord tal-għażla jaderixxi strettament mal-kundizzjonijiet tal-ammissjonijiet stabbiliti fl-avviż ta' pubblikazzjoni huwa u jiddeċiedi jekk il-kandidati għandhomx ikunu ammessi jew le. Il-kandidati ammessi fi proċedura tal-għażla preċedenti mhumiex sejrin ikunu eliġibbli awtomatikament.

L-applikanti jiġu infurmati dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-għażla. L-intervisti huma ppjanati li jsiru madwar it-tieni nofs ta' Ġunju tal-2016. Il-kandidati mhumiex permessi li jikkuntattjaw personalment lill-membri tal-bord tal-għażla, kemm b'mod dirett kif ukoll b'mod indirett, fir-rigward tal-kompetizzjoni. Kwalunkwe ksur ta' din ir-regola jikkostitwixxi bażi għal skwalifika mill-proċedura tal-għażla.

Jekk il-bord tal-għażla jiskopri fi kwalunkwe stadju fil-proċedura li l-kandidat ma jissodisfax kundizzjoni ġenerali jew speċjali waħda jew aktar għall-ammissjoni fil-proċedura tal-għażla jew li l-informazzjoni fuq il-formola tal-applikazzjoni ma tikkorrispondix mad-dokumenti ta' sostenn, il-kandidat sejjer jiġi skwalifikat.

Il-bord tal-għażla jiddeċiedi dwar dawk il-kandidati li jiġu ammessi fil-proċedura tal-għażla skont ir-rekwiżiti kif speċifikati fl-avviż tal-pubblikazzjoni. L-applikazzjonijiet tal-kandidati ammessi fil-proċedura tal-għażla jiġu riveduti u l-bord tal-għażla jiddeċiedi fuq dawk il-kandidati li huma mistiedna jattendu għal intervista. Sejrin jiġu kkuntattjati biss il-kandidati magħżula fil-lista mqasra.

Il-persuni intervistati sejrin jintalbu jagħmlu test bil-miktub li jinvolvi mill-inqas parti kwalifikanti anonima, parti li għandha l-għan tivvaluta l-kompetenzi speċifiċi meħtieġa għall-impjieg u parti li għandha l-għan li tivvaluta l-kompetenzi ġenerali meħtieġa għall-persunal temporanju tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-partijiet jistgħu jiġu raggruppati f'parti waħda jew iktar.

Wara l-intervisti, sejra tiġi stabbilita lista ta' riserva ta' kandidati xierqa.

B. Lista ta' riserva u reklutaġġ.

Kull kandidat intervistat sejjer jiġi infurmat b'ittra jekk ikunx ġie inkluż jew le fil-lista ta' riserva. Il-validità tal-lista ta' riserva hija sa sentejn mid-data tal-ittra li tinforma lill-kandidat u tista' tiġi estiża. Għalhekk, il-kandidati li isimhom jgħid li f'lista ta' riserva jistgħu jiġu offruti kuntratt matul dak il-perjodu ta' żmien. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-inklużjoni fil-lista ta' riserva ma tiggarrantix ir-reklutaġġ. Il-proċedura tar-reklutaġġ hija kif ġej: kif u meta l-fondi jsiru disponibbli, jiġu kkunsidrati l-kandidati fuq il-lista ta' riserva u tiffassal il-lista ta' riserva biex jimtlew il-pożizzjonijiet vakanti. Jekk tinħareġ ittra ta' intenzjoni, il-kandidat ikollu jagħmel eżami mediku obbligatorju biex jistabbilixxi li jissodisfa l-istandard ta' idoneità fiżika meħtieġa biex iwettaq id-dmirijiet involuti u l-kandidat irid jipprovdni kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha.

L-Aġenzja timpjega Aġenti Temporanji skont il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni, b'kuntratti ta' 3 snin bil-possibbiltà ta' estensjoni għal 3 snin oħra u l-possibbiltà ta' tliet estensjoni li tikkonverti dawn il-kuntratti f'kuntratti indefiniti.

Il-kandidati magħżula li jiġu rreklutati jgħaddu minn perjodu ta' prova inizjali ta' 9 xhur.

C. Paga u benefiċċji soċjali

Il-paga tal-membri tal-persunal tikkonsisti minn salarju bażiku peżat skont il-koeffiċjent ta' korrezzjoni (għal Spanja bħalissa 90,2 %) u ta' kumpens addizzjonali u tnaqqis.

• Salarju bażiku: Hemm skala ta' salarju bażiku għal kull grad, diviża f'numru ta' passi. Il-membri tal-persunal javvanzaw b'mod awtomatiku lejn il-pass li jmiss kull sentejn sakemm jilfqu l-massimu tal-iskala għal dak il-grad. Is-salarju inizjali bażiku ta' kull xahar għall-ewwel pass huwa ta' EUR 7 357,45 u għat-tieni pass EUR 7 666,73 fil-grad AD9 (ċifri f'EUR validi mill-1 ta' Jannar 2016 ma jinkludu l-ebda kumpens).

L-Aġenti temporanji ġewwa l-EFCA għandhom jinħatru għall-grad stabbilit fl-avviż tal-proċedura tal-għażla li jkunu għaddew minnha. Skont l-Art. 32 tar-Regolamenti tal-Persunal, Aġenti Temporanji għandu jiġi rreklutat fl-ewwel pass fil-grad tiegħu. L-EFCA tista' tippermetti anzjanità addizzjonali għal massimu ta' 24 xahar (li jikkorrispondi għal pass addizzjonali fuq il-pass 1) biex tqis l-esperjenza professjonali. Għandha titqies kwalunkwe attività professjonali ċertifikata kif xieraq marbuta ma' wieħed mill-oqsma ta' attività tal-EFCA. Kwalunkwe perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

Kumpens: Minbarra s-salarju bażiku tagħhom, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi gratifiki (allowances), b'mod partikolari għal gratifika ta' espatrijazzjoni jew residenza barranija (jiddependi minn jekk il-kandidat ikunx ħalla l-Istat Membru biex jieħu impjieg mal-EFCA), u l-gratifiki familjari (skont iċ-ċirkostanzi personali): benefiċċju tal-familja, benefiċċju tat-tfal dipendenti, benefiċċju ta' qabel l-iskola, benefiċċju tal-edukazzjoni.

Tnaqqis: Is-salarji tal-membri tal-persunal huma soġġetti għal taxxa tal-Komunità mnaqqsa mis-salarju inizjali. Il-membri tal-persunal huma eżentati mit-taxxa nazzjonali fuq is-salarji u jikkontribwixxu bħala membri tas-sigurtà soċjali tal-Komunità għall-assigrazzjonijiet u l-iskema tal-pensjoni.

F'ċerti ċirkostanzi, b'mod partikolari fejn il-membri tal-persunal huma obbligati jbiddu l-post tar-residenza tagħhom sabiex jassumu l-impjieg, l-Aġenzija tista' tirrimborża diversi spejjeż imġarrba fir-reklutaġġ, notevolment l-ispejjeż tal-ġarr.

Tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali mis-sit web tal-EFCA. Barra minn hekk, il-link li ġej jagħtik aċċess għall-informazzjoni dwar is-Servizz Ċivili Ewropew u r-Regolamenti tal-Persunal:

http://ec.europa.eu/civil_service/index_mt.htm

Importanti

Jekk jogħġbok, innota li impenn vinkolanti jista' jsir biss wara l-verifika tal-kundizzjonijiet kollha u sejjer jieħu l-forma ta' kuntratt iffirmit mid-Direttur Eżekuttiv.

Jekk jogħġbok innota li l-proċess tal-għażla jista' jieħu f'it taż-żmien biex jitlesta u li l-ebda informazzjoni ma tiġi rilaxxata matul dan il-perjodu. Ladarba jitlesta l-proċess tal-għażla, l-istatus tiegħu jintwera fuq is-sit web tal-EFCA.

D. Protezzjoni tad-Data

Jekk jogħġbok f'hu nota tal-[informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data](#) għall-kandidati fil-proċeduri tar-reklutaġġ tal-EFCA.

4. Rekwiżiti speċifiċi u dettalji tal-pożizzjonijiet offruti

Deskrizzjoni tal-impjeg

Skop globali:

Skont ir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ("fir-Regolament Finanzjarju" li ġej) u r-regoli interni tal-Aġenzija, l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà jistabbilixxi, jistruttura u jżomm il-kontabbiltà u s-sistema finanzjarja tal-Aġenzija.

Il-kandidat jissodisfa d-dmirijiet assenjati permezz tar-Regolament Finanzjarju u jżomm il-funzjonament bla xkiel u l-kwalità għolja tal-kontabbiltà u l-finanzi, b'hekk jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-programmi ta' ħidma u l-objettivi ġenerali tal-EFCA.

Karigi u dmirijiet:

Huwa u jirrapporta lill-maniġment tal-Aġenzija, il-kandidat li jintgħażel sejjer ikun responsabbli b'mod partikolari biex:

- Jimplimenta pagamenti, il-ġbir tad-dħul u l-irkupru tal-ammonti stabbiliti bħala li jistgħu jinġabru;
- Iżomm, jipprepara, jippreżenta u jiffirma l-kontijiet annwali skont ir-Regolament Finanzjarju EFCA;
- Jiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Uffiċjal Awtorizzanti għall-produzzjoni tal-kontijiet li għandhom jagħtu stampa vera u ġusta dwar l-assi netti tal-Aġenzija, il-prestazzjoni finanzjarja, il-pożizzjoni tal-flus kontanti u l-implimentazzjoni tal-baġit;
- Jorganizza l-għeluq tal-kontijiet li jinvolvu l-parteċipanti finanzjarji interni kollha;
- Jiżgura l-implimentazzjoni fi ħdan l-Aġenzija tar-regoli tal-kontabbiltà, il-politiki u l-metodi tat-tabella tal-kontijiet applikabbli;
- Jiżgura kontribuzzjoni ta' kwalità għolja għar-Rapport Annwali;
- Jissorvelja l-validità tat-tranżazzjonijiet u l-impatt globali xieraq tagħhom fuq il-kontijiet;
- Jiżgura l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-kontabbiltà u jirrikonċilja tranżazzjonijiet pendenti; jiżgura l-għeluq tal-añhar tas-sena;
- Jesegwixxi l-immaniġġjar ta' flus (jimmaniġġja l-kontijiet tal-bank u tal-flus);
- Jistabbilixxi u jivvalida s-sistemi ta' kontabbiltà u għodod fid-dawl tar-rekwiżiti u l-gwida stabbiliti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mill-Kummissjoni Ewropea (Servizz tal-Awditjar Intern);
- Jippreżenta regolarment rapporti ta' kwalità tal-kontabbiltà għall-użu tal-ġestjoni dwar assi tanġibbli/mhux tanġibbli, il-pożizzjoni tal-flus, il-proporzjonijiet finanzjarji, l-istatistiċi tal-pagamenti u informazzjoni oħra tal-kontabbiltà;
- Iżomm kuntatti mal-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni u jikkoopera mal-Kummissjoni Ewropea (DG Baġit - DG MARE), l-awdituri, is-servizzi interni u partijiet interessati oħrajn;
- Jottimizza għodod tal-kontabbiltà rilevanti, jikkontribwixxi biex ibiddel proġetti u għall-preparazzjoni tal-programmi ta' ħidma u baġit; jikkontribwixxi għall-ippjanar u l-monitoraġġ tal-funzjonament taċ-ċirkwiti finanzjarji, inkluż il-maniġment tad-delegazzjonijiet finanzjarji;
- Isegwi regolamenti u istruzzjonijiet tal-kontabbiltà rilevanti u l-bidliet tagħhom, jipparteċipa fin-netwerk tal-interaġenzija tal-Uffiċjali tal-Kontabbiltà, iwassal pariri lill-maniġment jew taħriġ intern.

Ambjent tal-impjeg

Il-kandidat li jintgħażel sejjer jaħdem fl-istabbiliment tal-Aġenzija f'Vigo, Spanja. Id-dmirijiet jitwettqu f'ambjent multinazzjonali, skont ir-Regolamenti tal-Persunal u oqfsa oħrajn tal-leġiżlazzjoni tal-UE. L-impjeg jista' jinkludi missjonijiet barra 'l pajjiż. Il-lingwa prinċipali ta' ħidma tal-Aġenzija hija l-Ingliż. L-eżerċitar tal-kariga u d-dmirijiet huma soġġetti għall-ħatra tal-kandidat li jintgħażel bħala Uffiċjal tal-Kontabbiltà mill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Kriterji ta' eliġibbiltà

- Grad universitarju ta' tul minimu ta' erba' snin ta' studju jew taħriġ professjonali ta' livell ekwivalenti;
- Minn tal-inqas tnax-il sena ta' esperjenza professjonali rilevanti wara il-kisba tal-livell ta' edukazzjoni meħtieġ;
- Għarfien profund tal-Ingliż b'għarfien tajjeb ta' mill-inqas lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea.

B. Kriterji tal-għażla

Essenzjali:

- Esperjenza ppruvata relatata mal-funzjoni u d-dmirijiet kif imsemmijin hawn fuq;
- Għarfien eċċellenti tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, ir-regoli tal-kontabbiltà tal-UE u l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS);
- L-abbiltà li taħdem taħt pressjoni u timmaniġġja l-portafoll tad-dmirijiet b'mod indipendenti;
- Sens eċċellenti ta' responsabbiltà u inizjattiva, onestà u integrità fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Aġenzija;
- Sens għoli ta' kunfidenzjalità;
- Grad għoli ta' ħiliet organizzattivi, preċiżjoni u abbiltà li tanalizza, tiġbor u tqassar l-informazzjoni finanzjarja kumplessa;
- Komunikazzjoni effettiva u ħiliet interpersonali tajbin.

Ta' vantaġġ:

- Kwalifika postgradwatorja fil-qasam tal-kontabbiltà;
- Esperjenza Prattika tal-metodoloġija tal-awditjar finanzjarju u t-tekniki tal-awditjar;
- Profiċjenza fl-applikazzjonijiet tas-software relatati mal-finanzi u l-kontabbiltà bħal ABAC/SI2, SAP (FI module) u Business Objects.